MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 651/1998/1

**Andrew Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi**

**v.**

**L-Avukat Generali tar-Republika u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

## I IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi mis-segwenti sentenza

moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta’ Marzu, 1999:

“Il-Qorti,

“PRELIMINARI

“Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettew illi b’tahrika mahruga mill-Pulizija fit-tmienja (8) ta’ Frar 1992, tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Malta fl-ghaxra (10) ta’ Marzu, 1992, talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar sentejn, meta kienu u bhala Diretturi ta’ Tessons Limited u dana fir-rigward ta’ Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan u ta’ J. Cachia Caruana Limited, u dana fir-rigward ta’ Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, b’diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjonital-Ligi, u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda:-

“(a) xjentement ghamlu uzu minn *Entries* tad-Dwana, ossia cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, liema *Entries* kellhom fuqhom timbru falsifikat;

“(b) xjentement ghamlu uzu minn sigilli, timbri jew marki tad-Dwana foloz, li kienu qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta’ l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta’ proprjeta` pubblika jew li kienu taht il-kustodja pubblika;

“(c) b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi urew haga b’ohra sabiex gieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama, jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b’qerq ta’ aktar minn LM500 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

“(d) fil-konfront ta’ Andrew Ellul Sullivan, f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, akkuzati talli, meta huma kienu u

bhala Diretturi tal-kumpanija Tessons Limited impurtaw ghalihom f'dawn il-Gzejjer numru ta' containers b'merkanzija ta' valur globali ta' Lm433,772.55,6 – Dazju fuqhom LM129,459.00,0 – Levy LM301,313.20,0 kif jidher mal-lista annessa u bil-hsieb li jevadu d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, xjentement ghamlu uzu minn dokumenti li bid-dehen taghhom kienu jafu li kienu foloz f'dettal sostanzjali u b'hekk bil-qerq warrbu mill-post ta' kustodja dawn l-istess containers qabel ma' d-dazju u l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati bi ksur ta' l-Art. 60(a) (k) u l-Art. 62(a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) (m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Att XXXI tal-1989;

"(e) fil-konfront ta' Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi f'isem il-Kontrollur tad-Dwana talli, meta huma kienu u bhala Diretturi tal-Kumpanija J. Cachia Caruana Limited impurtaw ghalihom f'dawn il-Gzejjer numru ta' containers b'merkanzija ta' valur globali ta' Lm272,714.17,0 – Dazju LM71,255.00,0 kif jidher mil-lista annessa u bil-hsieb li jevadu d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, xjentement ghamlu uzu minn dokumenti li bid-dehen taghhom kienu jafu li kienu foloz f'dettal sostanzjali u b'hekk bil-qerq warrbu mill-post ta' kustodja dawn l-istess containers jew parti mill-kontenut taghhom qabel ma d-dazju u l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati bi ksur ta' l-Art. 60 (a) (k) u l-Art. 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) (m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Att XXXI tal-1989;

"(f) fil-konfront ta' Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan, f'isem id-Direttur ta' l-Industrija, akkuzati talli, hekk kif muri fl-akkuza (d) bhala Diretturi tal-Kumpanija Tessons Limited, b'qerq warrbu mill-post ta' kustodja numru ta' containers qabel ma l-Levy dovuta giet imhallsa jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-Att Nru XXXI tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali;

"(g) fil-konfront ta' Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, f'isem id-Direttur ta' l-Industrija, akkuzati talli, hekk kif muri fl-akkuza (e) bhala Diretturi tal-Kumpanija J. Cachia Caruana Limited, b'qerq warrbu mill-post ta' kustodja numru ta' containers qabel ma l-Levy

dovuta giet imhallsa jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Att XXXI tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali;

Kopja ta’ din it-tahrika giet ezebita u mmarkata Dokument A.

“Illi wara din it-tahrika bdew il-proceduri tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta;

“Illi f’dawn il-proceduri fl-ewwel ftit xhur tal-kompilazzjoni instemghu diversi xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni; illi pero` ghal snin twal ma hu qieghed isir xejn fl-atti ta’ din il-kumpilazzjoni u saru diversi differimenti minghajr ma nstemghu l-ebda provi godda mill-prosekuzzjoni.

“Illi l-fatt li l-prosekuzzjoni qeghda tonqos li taghlaq il-provi tad-difiza, qieghed ikun ta’ pregudizzju kbir lir-rikorrenti; fost hwejjeg ohra r-rikorrenti u s-socjetajiet liema huma ghandhom sehem rilevanti ghandhom kawzi pendenti fil-Qrati Civili mal-Kontrollur tad-Dwana li ma jistghux jimxu u jigu decizi minhabba l-pendenza ta’ dawn il-proceduri kriminali. Minhabba l-pendenza ta’ din il-kawza kriminali kien hemm ukoll decizjonijiet mill-Qrati Civili favur ir-rikorrenti li ma setghux jigu minnhom esegwiti minhabba l-pretensjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana fir-rigward tal-pendenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati; il-Kontrollur tad-Dwana infatti hareg mandati kawtelatorju kontra r-rikorrenti ghal diversi mijiet ta’ eluf ta’ liri; il-meritu tal-kawzi in kawtela ta’ liema hargu dawn il-mandati ma setghax jigi determinat minhabba li qeghdin jistennew l-ezitu tal-kawzi kriminali. Illi dan il-fatt qed ikun ta’ pregudizzju enormi ghal negozju tar-rikorrenti.

“Illi bil-fatt li dawn il-proceduri ilhom pendenti sitt snin u nofs, u izjed u izjed abbinat mal-fatt li f’dawn il-proceduri ilhom ma jistressqu provi ghal diversi snin u li l-pretensjonijiet u kawzi l-ohra civili qeghdin fermi biex jistennew l-ezitu ta’ din il-kawza qieghed jigi bjolat fil-konfront tar-rikorrenti d-dritt taghha li jinghataw smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Ghalhekk hemm ksur minhabba dan li ntqal fuq ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta’ l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

"Ir-rikorrenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti qeghdin jinkisru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi r-rikorrenti mhux qed jinghataw smiegh xieraq fi zmien ragonevoli; tipprovdi lir-rikorrenti b'dawk ir-rimedji u taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni biex jigu salvagwardjati l-imsemmija drittijiet tar-rikorrenti;

"Bl-ispejjez.

"Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol. 9 fejn esponew:

"Illi r-rikorrenti jridu qabel xejn juru lil dina l-Qorti illi huma uzaw il-mezzi a disposizzjoni taghhom (verbali, talbiet ghal smiegh b'urgenza etc.) biex il-kawza kriminali ma titwalx u li huma ma kkontribwewx biex il-proceduri jitwalu u dan in vista ta' l-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Art. 4 ta' l-Att XIV tal-1987.

"Illi l-kawza kriminali li dwarha jilmentaw ir-rikorrenti m'hijiex dwar in-negozju tar-rikorrenti, izda dwar akkuzi specifiki u r-riferenzi ghall-imsemmi 'negozju' hija superfluwa u rrelevanti.

"Illi l-kawzi kriminali kontra r-rikorrenti huma komplessi u jinvolu accertamenti ta' natura teknika li dwarhom ir-rizorsi umani disponibbli f'Malta huma limitati u z-zmien mehud f'dawk il-kawzi m'huwiex wiehed li mhux ragjonevoli tenut kont tal-komplessita` tal-kawzi u tal-kwantita` kbira ta' xhieda nvoluti.

"Illi l-lamenti tar-rikorrenti ma jaghtu lok ghal ebda kwistjoni ta' ksur tad-Drittijiet Fondamentali.

"Rat l-atti kollha tar-rikors;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Rat id-dokumenti esibiti;

“Semghet lill-Avukati difensuri;

“TALBIET

“Ir-rikorrenti qed jitolbu li dina l-Qorti:

“tiddikjara li fil-konfront taghhom qeghdin jinkisru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta billi r-rikorrenti mhux qed jinghataw smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

“tipprovdi lir-rikorrenti b’dawk ir-rimedji u taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni biex jigu salvagwardjati d-drittijiet tar-rikorrenti.

“Risposta

“L-intimati rrispondew li

“Ir-rikorrenti jridu qabel xejn juru li huma uzaw l-mezzi a disposizzjoni taghhom biex il-kawza krimnali ma titwalx u li huma ma kkontribwewx biex il-proceduri jitwalu u dana in vista ta’ l-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Att XIV tal-1987;

“Ir-riferenza ghan-negozjutar-rikorrenti hija superfluwa u rrilevanti;

“Il-kawzi kontra r-rikorrenti huma komplessi u jinvolvu accertamenti ta’ natura teknika li dwarhom ir-rizorsi umani disponibbli f’Malta huma limitati u z-zmien mehud f’dawk il-kawzi m’humiex wiehed li mhux ragjonevoli tenut kont tal-komplessita tal-kawzi u tal-kwantita` kbira ta’ xhieda involuti.

“L-ilmenti tar-rikorrenti ma jaghtu lok ghal ebda kwistjoni ta’ ksur tad-Drittijiet Fondamentali.

“KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT

“Skond id-dottrina li tohrog mis-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"Fil-kaz ta' *length of proceedings*

"(a) The period that has to be taken into consideration.

"As to the starting point, in criminal matters, the reasonable time referred to in Art. 6(1) begins to run as soon as the person is charged.

"(b) Reasonableness of the length of the proceedings.

"The reasonableness of the length of proceedings has to be assessed, in particular, in the light of the complexity of the case and the conduct of the applicant and of the relevant authorities. No particular factor is conclusive; the approach must be to examine them separately and then to assess their cumulative effect.

"The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case. There is no absolute time limit.

"Article 6 can only require expedition of cases as is consistent with the proper administration of justice.

"Criminal cases generally require more urgency than civil ones, and a more rigorous standard applies where applicant is in detention pending the outcome of his case.

"The length of proceedings by itself is only part of the story. A great deal depends on the number of stages involved in the case (preliminary investigation, trial court, appeal court) and the impact of the relevant factors. Although the Court had been prepared to tolerate some proven instances of delay provided that the overall length of the proceedings is not clearly excessive given the number of stages of proceedings in the case.

"KONSIDERAZZJONIJIET TA' FATT

“Fuq l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimati, li r-rikorrenti jridu qabel xejn juru li huma uzaw il-mezzi a disposizzjoni taghhom biex il-kawza kriminali ma titwalx u li huma ma kkontribwewx biex il-proceduri jitwalu – din hija wahda mill-konsiderazzjonijiet li l-Qorti trid taghmel fil-mertu, ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti tirrifjuta li tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

“Fatti

“Fil-kaz in ezami jirrizulta bhala fatt li r-rikorrenti (erba’ imputati) tressqu l-Qorti fl-ghaxra (10) ta’ Marzu 1992 fuq seba’ akkuzi rigwardanti falsifikazzjoni u reati ohra konnessi. Illi fl-ewwel sena u seba’ (7) xhur instemghu x-xhieda kollha (xi 80 – ara xhieda Spettur Ellul Bonici) u kienu jsiru seduti filghodu u filghaxija. Kien gi nominat espert forensiku u l-kawza waqfet hemm billi ghal snin shah ma sar xejn utili u ma ngabu ebda provi godda mill-prosekuzzjoni u kull ma fadal kien li jigi prezentat ir-rapport ta’ l-espert forensiku. Il-Magistrat fuq suggeriment tal-Prosekuzzjoni f’Dicembru 1997, kien ordna lill-espert biex jikkonkludi r-rapport tieghu (ara fol. 76). Imbaghad f’Lulju 1998 l-espert gie sostitwit u gie nominat espert iehor minflok li pprezenta r-rapport tieghu f’Novembru 1998 u dak ix-xahar stess l-Avukat Geneerali baghat l-artikoli u l-kumpilazzjoni ssokktat. (ara xhieda Spet. Ellul Bonici).

“Dewmien

“Ir-rikorrenti qed jilmentaw li kien hemm dewmien ghax ma sar xejn ghal erba’ (4) snin u sitt (6) xhur shah.

“Fil-kaz in ezami l-Qorti trid tezamina the complexity of the case, the conduct of the applicant and the relevant authorities.

“Dwar il-komplessita` tal-kaz – A case can be complicated for many reasons – eg volume of evidence, number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad or the complexity of the legal issues involved.

“Fil-kaz in ezami kien hemm bzonn ta’ nomina ta’ espert forensiku billi l-imputati kienu oggezzjonaw ghal Dr. Heuser billi skond huma dan kien espert ex parte. Il-prosekuzzjoni sostniet li ma kienx hemm bzonn ta’ dina n-nomina billi dan Heuser kien diga` lesta x-xoghol li kien hemm bzonn u ma kienx se jesprimi opinjoni fix-xoghol li kien ghamel imma kostatazzjoni ta’ fatt.

“Fil-kaz in ezami wkoll kien hemm erba’ imputati u numru konsiderevoli ta’ xhieda, kif ukoll numru kbir ta’ dokumenti li riedu jigu ezaminati. Inoltre l-imputati jinsabu akkuzati b’diversi reat serji.

Ghalhekk dn il-kaz ghandu jigi konsidrat bhala wiehed kumpless u li jrid certu zmien biex jigi konkluz. Izda mill-ezami tal-process jirrizulta li x-xhieda kollha nstemghu fi zmien ragjonevoli u d-dewmien kien biss minhabba l-prezentata tar-rapport ta’ l-espert forensiku. L-espert sostitut lesta dana r-rapport f’erba’ xhur. Anke l-ewwel espert xehed li hu kellu bzonn hmistax-il gurnata biss fuqu biex jikkompleta x-xoghol izda billi kien mghobbi b’hafna xoghol iehor ma setghax isib il-hin biex ilesti dana r-rapport.

Conduct of the applicant – Il-Qorti trid tara jekk ir-rikorrenti kellhomx tort ghal dewmien li kien hemm. L-intimati qed jissottomettu li r-rikorrenti qatt ma pprotestaw minhabba d-dewmien (ara xhieda Supt. D. Gatt) u ghalhekk ghandhom tort ukoll. Ir-rikorrenti qed isostnu li verbalment kienu pprotestaw minhabba d-dewmien ghalkemm fil-verbali ma tnizzel xejn. Taht dan l-aspett, il-Qorti tikkonkludi li fil-fatt kien hemm ukoll nuqqas da parti tar-rikorrenti li setghu jinsistu aktar mal-Qorti biex tiehu l-passi kollha disponibbli biex l-espert jikkonkludi r-rapport fi zmien ragjonevoli.

“Conduct of the authorities –

“Skond id-dottrina: “The complicated character of the case and the efforts of the judicial authorities have made to expedite the proceedings as much as possible play an important part. In this respect a special duty rests upon

the court concerned to see to it that all those who play a role in the proceedings do their utmost to avoid unnecessary delay. In the Capuano case the Italian Government drew attention to the fact that the delays in the proceedings in first instance whcih lasted more than six years, were attributable to the experts, who filed their opinions too late. The Court held the court concerned responsible for the delays in preparing expert opinions. Van Dijk u Van Hoof "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights". P. 332.

"Fil-kaz recenti 'Musial vs. Poland', 25 ta' Marzu, 1999 gie deciz li "The primary responsibility for delays resulting from the provisions of expert opinions rest ultimately with the State.

"Fil-kaz in ezami mill-verbali esibiti jirrizulta li f'erba' snin u nofs l-espert darba biss gie orndat mill-Qorti biex jikkonkludi r-rapport tieghu.

"L-intimati semmew ukoll il-kwistjoni dwar in-numru ta' Magistrati li qed jippresjedu fil-Qrati tal-Magistrati zdied u ghalhekk l-awtoritajiet hadu l-passi li kien hemm bzonn, izda dan il-punt mhux rilevanti fil-kaz odjern billi ghal dak li kellu x'jaqsam mal-Magistrat dana sema x-xhieda fl-ewwel sena u nofs u kull ma kien jonqos kien ir-rapport ta' l-espert forensiku. Mhix kwistjoni li l-Qorti kienet mghobbija zzejjed.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li kien hemm dewmien esagerat u r-rikorrenti inkisrilhom id-dritt fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ghax l-espert fornesiku dam aktar minn erba' snin biex jipprezenta rapport. Min-naha l-ohra anke r-rikorrenti kellhom ukoll tort kif diga` ntqal.

"Fil-mori tal-kawza l-Qorti giet infurmata (ara xhieda Spettur Ellul Bonici) li l-Avukat Generali baghat l-artikoli f'Novembru 1998 u ghalhekk il-kumpilazzjoni issa miexja u qeghda fl-istadju finali taghha.

"DECIZJONI

“Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent inkisru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta billi r-rikorrenti ma nghatawx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli;

“Billi issa l-kumpilazzjoni miexja u billi anke r-rikorrenti kellhom tort imhabba d-dewmien stante li ma hadux il-passi kollha biex l-espert jaghlaq ir-rapport tieghu, tiddeciedi li bis-sejba tal-ksur hemm *just satisfaction* ghar-rikorrenti.

“Spejjez kulhadd tieghu.“

**<u>II L-APPELL</u>**

2. L-erba’ appellanti intavolaw ir-rikors ta’ l-appell taghhom quddiem din il-Qorti fis-7 ta’ April 1999. Hemmhekk, huma ressqu tlett aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk:

(a) li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet htija fil-konfront ta’ l-appellanti ghad-dewmien;

(b) li d-dikjarazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li s-sejbien tal-ksur kienet *just satisfaction* ma huwiex rimedju sufficjenti;

(c) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta akkollat parti mill-ispejjez tal-kawza lill-appellanti.

Wara li spjegaw dettaljatament dawn l-aggravji taghhom, l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikkjarat li kien hemm ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta’ l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, billi r-rikorrenti ma nghatawx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, li tirrevokaha ghall-kumplament u b’hekk tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti adesivament ma’ l-aggravji fuq esposti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

3. L-intimati, issa appellati cioe` l-Avukat Generali tar-Repubblika u l-Kummissarju tal-Pulizija kkontestaw l-appell b’risposta minnhom ipprezentata fit-12 ta’ April 1999, liema risposta kienet tinkludi wkoll appell incidentali. Wara li taw ir-ragunijiet taghhom ghaliex kienu qeghdin

jopponu l-appell odjern, l-istess appellati ddikjaraw li kienu jhossuhom aggravati bis-sentenza appellata in kwantu din sabet li kien hemm ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll in kwantu akkollatilhom parti mill-ispejjez gudizzjarji. F'dan l-appell incidentali, l-appellati issottomettew is-segwenti aggravji:

a). li t-talba kontenuta fir-rikors promotur ta' l-appellanti kellha tigi michuda a bazi ta' l-Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4 ta' l-Att XIV tal-1987 minhabba nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji;

b). li s-sentenza appellata naqset li taghti debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-kawza kienet tinvolvi diversi komplikazzjonijiet teknici konessi mad-determinazzjoni tal-falsita` tat-timbri uzati fuq numru kbir ta' dokumenti;

c). li s-sentenza appellata naqset li taghti debita konsiderazzjoni lil hafna xoghol li sar u lil numru kbir ta' xhieda li xehdu fil-proceduri kriminali in dizamina, kif ukoll naqset li tezamina z-zmien mehud f'din il-kawza, fid-dawl ta' kemm-il kaz ta' din l-entita` u ta' din il-komplikazzjoni, kien ragjonevoli li jdum;

d). li s-sentenza appellata naqset li taghti debita konsiderazzjoni lin-nuqqas ta' rizorsi tal-pajjiz u lil nuqqas ta' persuni li fi zmien rilevanti kienu kwalifikati biex jassumu l-inkarigu ta' espert tekniku fil-materja.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimati talbu li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tar-rikorrenti u tilqa' l-appell incidentali taghhom u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

4. L-appellanti ikkontestaw l-appell incidentali ta' l-intimati appellati b'replika intavolata fil-21 ta' April 1999. Biha, huma sostnew li l-appell incidentali ta' l-appellati huwa bla bazi u nfondat. Sostnew li kien difficli li wiehed jimmagina x'kienu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom u kif wiehed jista' jghid li, wara ben tmien snin jistennew, ir-rikors taghhom seta' kien abbuz tal-proceduri. Il-prosekuzzjoni ccaqilqet biex taghlaq il-provi taghha biss, wara li l-appellanti kienu ntavolaw ir-rikors taghhom, u dan wara inattivita` shiha tal-prosekuzzjoni ta' xi sitt snin.

Ghalhekk, l-appellanti sostnew li l-appell incidentali ta' l-intimati ghandu jigi michud.

5. Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 1999 din il-Qorti giet informata mid-difensuri tal-partijiet li l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali kienu qeghdin jitmexxew. Dakinhar, il-kawza thalliet differita *sine die*, b'dana li t-termini tad-dezerzjoni ma kellhomx jiddekorru u kull wahda mill-partijiet inghatat l-fakolta` li b'rikors titlob ir-riappuntament ta' l-appell.

6. Kwazi hames snin wara li dana l-appell thalla differit *sine die*, sar rikors minn "Andrew Ellul Sullivan et.", ezattament fil-11 ta' Awissu 2004 (ara fol. 198), li bih din il-Qorti giet informata:
a). li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet tat id-decizjoni taghha dwar il-kawza kriminali msemmija fir-rikors promotur ta' l-appellanti;
b). li quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienu nbdew proceduri, ezattament bir-rikors numru 10/03, fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti b'dawk il-proceduri kriminali;
c). li dan ir-rikors promotur kien gie deciz fit-12 ta' Lulju 2004 (*recte*: 8 ta' Lulju 2004);
d). li r-rikorrenti kienu appellaw minn din id-decizjoni quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali; u
e). li r-rikorrenti kellhom interess li l-appell odjern jigi riappuntat u jinstema' kontestwalment mar-rikors numru 10/03 fuq imsemmi, peress li z-zewg proceduri kienu intimament konnessi ma' xulxin.

Bl-istess rikors ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza odjerna ghas-smiegh u d-decizjoni taghha u tordna li din tinstema' kontestwalment ma' l-appell fir-rikors numru 10/03.

7. Dawn iz-zewg talbiet kontenuti fl-imsemmi rikors tal-1 ta' Awissu 2004 gew milqugha minn din il-Qorti b'digriet moghti fit-12 ta' Awissu 2004.

8. Effettivament dan l-appell tmexxa kontestwalment ma' l-appell l-iehor imsemmi fil-paragrafu precedenti, cioe`

dak fl-atti tar-rikors numru 10/03. Ghandu jigi notat illi l-proceduri fir-rikors numru 10/03 ma kenux gew intavolati mill-erba' appellanti odjerni, izda minn tnejn minnhom biss cioe` minn Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmel Ellul Sullivan. Dawk il-proceduri saru fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali u gew intavolati fis-7 ta' April 2003 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Din l-ahhar imsemmija Qorti iddecidiet il-proceduri bis-sentenza li tat fit-8 ta' Lulju 2004. F'dawk il-proceduri Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmel Ellul Sullivan kienu qeghdin jallegaw li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li kienet iffinalizzat il-proceduri kriminali kontra taghhom, liema sentenza nghatat fl-20 ta' Marzu 2003, kienet ibbazata fuq zewg prezunzjonijiet li biddlu l-oneru tal-prova, b'tali mod u manjiera li huma, cioe` l-appellanti, gew prezunti hatja sakemm ma jippruvawx il-kuntrarju. Allegaw ukoll li l-gudikant, li kien ippronunzja dik is-sentenza, ma kienx imparzjali maghhom. Allegaw ukoll li fil-proceduri kriminali, li kienu ikkulminaw fis-sentenza ta' l-appell tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq imsemmija, ma kenux inghataw smiegh xieraq minhabba li dawk il-proceduri ma kenux gew mitmuma fi zmien ragjonevoli.

9. B'sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju 2004, l-allegazzjonijiet ta' Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmel Ellul Sullivan imsemmija fil-paragrafu precedenti gew michuda minn dik il-Qorti. Infatti, hija ddikjarat li s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Marzu 2003 ma kissret l-ebda wiehed mill-jeddijiet taghhom taht l-Artikolu 39(1) u 39(5) tal-Kostituzzjoni jew taht l-Artikolu 6 u/jew 7 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u b'hekk cahdet it-talbiet taghhom – bl-ispejjez kontra taghhom.

10. Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmel Ellul Sullivan appellaw mill-imsemmija sentenza quddiem din il-Qorti. Talbu li din il-Qorti joghgobha tannulla s-sentenza appellata u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors promotur, kif ukoll taghti dawk ir-rimedji kollha li

jidhrilha mehtiega u opportuni sabiex id-drittijiet fundamentali taghhom jigu salvagwardati.

11. Il-proceduri ta' l-appell imsemmija fil-paragrafu precedenti, li sejjer jibda jigi riferit bhala "appell 10/03", tmexxa kontestwalment ma' l-appell odjern. Iz-zewg appelli se jigu decizi t-tnejn illum stess, b'sentenza separata. Iz-zewg appelli kienu kombattuti hafna. Din il-Qorti zammet diversi seduti li fihom l-abbli difensuri rispettivi tal-kontendenti ghamlu dak kollu possibbli biex jesponu b'mod tassew approfondit u studjat ir-rispettivi tezijiet taghhom. Iz-zewg appelli kienu jimmeritaw dan it-trattament ghaliex involuti fihom kien hemm kwisjonijiet pjuttost kumplessi u difficli, aktar u aktar l-appell l-iehor, cioe` l-appell 10/03.

12. Minbarra li din il-Qorti gharblet sewwa dan il-process odjern, hija hadet debita konjizzjoni ta' l-atti kollha kontenuti fil-process kriminali li jissemma fir-rikors promotur. Il-Qorti ghamlet hekk ai termini tal-verbal tad-19 ta' Jannar, 2005 a fol. 223 tal-process odjern, minn fejn jirrizulta li d-difensuri tal-partijiet kienu qablu li l-process kriminali li ghalih jirreferi r-rikors ikun (u li gie deskritt mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali a fol. 1334 bhala wiehed "voluminuz u kompless") kellu jkun ghad-disposizzjoni ta' din il-Qorti, minghajr ma jigi formalment allegat.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

13. Ghandu jinghad li r-rikors promotur kien gie pprezentat mir-rikorrenti meta l-proceduri kriminali msemmija kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Ir-rikorrenti kienu qeghdin jilmentaw li dawk il-proceduri kienu ilhom pendenti sitt snin u nofs, u aktar minn hekk, il-provi fihom kienu ilhom ma jitressqu ghal diversi snin. Ghalhekk huma allegaw li kien qieghed jigi vjolat fil-konfront taghhom id-dritt taghhom li jinghataw smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk, huma talbu lill-ewwel Qorti taghtihom dikjarazzjoni f'dan is-sens, kif ukoll talbu li

jinghataw dawk ir-rimedji li l-Qorti jidhrilha xierqa u talbu lilll-istess Qorti li taghti dawk l-ordnijiet opportuni sabiex jigu salvagwardati l-imsemmija drittijiet taghhom. Bis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-29 ta’ Marzu 1999, gie deciz li proceduri kriminali in kwistjoni kienu damu tul ta’ zmien esagerat u kien inkiser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Dana ghaliex kien irrizulta li l-proceduri ghaddew minn perjodu twil ta’ inattivita` minhabba li l-espert forensiku kien dam aktar minn erba’ snin b’inkarigu pendenti li spicca biex ma esplitahx u eventwalvment kellu jkun sostitwit. Dik il-Qorti wkoll ikkonkludiet li anke r-rikorrenti stess kellhom, in parti, tort tad-dewmien ghaliex huma ma nsistewx mal-Qorti biex tiehu l-passi kollha disponibbli biex l-espert jikkonkludi r-rapport tieghu fi zmien ragjonevoli. L-ewwel Qorti kkonstatat li l-kumpilazzjoni kienet issa miexja u kienet qeghda fl-istadju finali taghha, u ghalhekk in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, iddikjarat li fil-konfront tar-rikorrenti kienu nkisru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u ddecidiet li bis-sejbien ta’ dan il-ksur kien hemm *just satisfaction* ghar-rikorrenti. L-erba’ rikorrenti appellaw minn din is-sentenza u z-zewg intimati appellaw ukoll incidentalment mill-istess sentenza. Izda qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina fid-dettal dawn iz-zewg appelli, jidhrilha li huwa xieraq li taghti sunt qasir hafna tar-retroxxena ta’ din il-kawza.

14. Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan kienu l-unici share holders u diretturi tas-socjeta` Tessons Limited. Charles sive Carmel Ellul Sullivan u Phillip Azzopardi kienu l-unici diretturi tas-socjeta` J. Cachia Caruana Limited. Fis-6 ta’ Frar 1992, il-pulizija harget tahrika kontra dawn l-erba’ persuni. Huma deheru quddiem il-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-gzira ta’ Malta (bhala Qorti Istruttorja) fl-10 ta’ Marzu 1992 biex iwiegbu ghal diversi imputazzjonijiet, fosthom li fis-sentejn ta’ qabel huma kienu ghamlu uzu xjentement minn *entries* tad-dwana li fuqhom kien hemm timbri falsifikati, b’mod li d-dazju u l-*levies* relattiv ma kienux thallsu lill-Kontrollur tad-Dwana. Il-pulizija allegat li s-socjeta` Tessons Limited kien irnexxiela ddahhal u tircievi f’Malta merkanzija tal-

valur komplessiv ta' LM433,772 (erba' mija tlieta u tletin elf seba' mija u tnejn u sebghin elf lira Maltija) minghajr ma hallset fuq din il-merkanzija s-somma ta' LM430,772 (erba' mija u tletin elf seba' mija u tnejn u sebghin elf lira Maltija) dazju u *levies*, waqt li s-socjeta` J. Cachia Caruana Limited kien irnexxiela ddahhal f'Malta u tircievi hawnhekk merkanzija tal-valur komplessiv ta' LM272,714 (mitejn u tnejn u sebghin elf seba' mija u erbatax-il lira Maltija) fuq liema merkanzija ma thallasx id-dazju u *levies* li flimkien kienu jlahhqu s-somma ta' LM281,317 (mitejn u wiehed u tmenin elf tliet mija u sbatax-il lira Maltija). Dawn l-imputazzjonijiet kienu originaw wara investigazzjonijiet li saru mid-dipartiment tad-dwana u mill-pulizija li minnhom irrizulta li numru konsiderevoli ta' *entry forms* tad-dwana, ghalkemm kellhom fuqhom it-timbru "*received payment*", il-hlas relattiv ma kienx jidher registrat fil-*cash books* tad-dwana u ghalhekk kien hemm suspett qawwi li d-dazju u l-*levies* relattivi ma kienux gew imhallsa lid-dwana.

15. Il-kumpilazzjoni nbdiet fis-26 ta' Marzu 1992 u skond l-Artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali, kellha tigi finalizzata fi zmien xahar. Fuq talba tal-Qorti Istruttorja, il-President ta' Malta estenda t-terminu darbtejn, kull darba b'xahar, (ara fol. 740 u 742 tal-process kriminali) b'mod li l-Qorti Istruttorja nghatat zmien sas-26 ta' Gunju 1992 biex taghlaq il-kumpilazzjoni. Effettivament dik il-Qorti ghalqet il-kumpilazzjoni fit-8 ta' Gunju 1992 billi ddecidiet li, a bazi tal-provi li kienet ressqet il-prosekuzzjoni, kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqeghdu taht att ta' akkuza. Ghalhekk, baghtet l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Avukat Generali. <u>Ghandu jigi notat illi sa dak l-istadju dik il-Qorti Istruttorja semghet xejn inqas minn mija u disghin xhud u gabret hafna provi ohra fosthom numru kbir ta' dokumenti</u>. Sa l-ahhar imsemmija data hija zammet sbatax-il seduta u certament dik il-Qorti uriet efficjenza, diligenza u speditezza fil-qadi tad-dmirijiet taghha. Lista shiha tax-xhieda li nstemghu u x'sar f'kull seduta, tinsab a fol. 256 *et sequitur* tal-process. Din il-lista giet ippreparata mill-Avukat Generali waqt li l-appellanti ippreparaw lista ohra li *piu o meno* fiha l-istess taghrif, liema lista tinsab a fol. 275 *et sequitur* tal-process.

16. It-tieni stadju tal-process quddiem il-Qorti Istruttorja huwa bejn it-28 ta’ Lulju 1992, cioe` data ta’ l-ewwel rinviju ta’ l-Avukat Generali u l-14 ta’ Ottubru 1993. F’din l-ahhar data l-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-provi taghha kollha hlief li kien ghad baqghalha biss ix-xhieda tal-perit forensiku, Dr. Abela Medici u li dan jipprezenta r-relazzjoni tieghu. Sa dan it-tant, dan il-perit forensiku jidher li ftit li xejn seta’ jaghmel biex jespleta l-inkarigu tieghu. Dan ghaliex waqt li xhieda li l-Qorti Istruttorja kienet qeghda tisma’ x-xhieda kien jehtieg li dawn jintwerew id-dokumenti esebiti u ghalhekk dawn id-dokumenti, li fuqhom kellu jahdem l-espert forensiku baqghu l-Qorti biex dawn ix-xhieda ikunu jistghu jikkonsultawhom waqt id-deposizzjoni taghhom. Effettivament fis-seduta ta’ l-14 ta’ Ottubru 1993 il-Qorti awtorizzat lill-imsemmi espert biex, issa li nstemghu x-xhieda, jirtira d-dokumenti necessarji biex jesplicita l-inkarigu tieghu. Dan il-verbal jinstab a fol. 829 tal-process. F’dan il-perjodu ta’ sena u xahrejn u nofs cirka, il-Qorti zammet disa’ seduti barra li kien hemm tmien rinviji ta’ l-Avukat Generali. Semghet biss xi hames xhieda, fosthom iz-zewg periti komputisti, li wkoll ipprezentaw u halfu r-relazzjoni taghhom. Il-pass mghaggel li kien qieghed jitmexxa bih il-process kriminali fl-istadju precedenti jidher li ma nzammx f’dan il-perjodu u ghalhekk certu dewmien pjuttost ingustifikat jirrizulta li kien hemm ukoll.

17. Izda l-aktar li nhela zmien kien fil-perjodu bejn l-14 ta’ Ottubru 1993 u s-16 ta’ Mejju 1998. Fl-ahhar imsemmija data l-appellanti ipprezentaw ir-rikors odjern quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li bih ilmentaw mid-dewmien fit-tmexxija tal-proceduri kriminali in kwistjoni, b’liema dewmien kien qieghed jinkiser id-dritt fundamentali taghhom li jinghataw smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Dik il-Qorti ntalbet li taghtihom ir-rimdeji xierqa u opportuni biex jigu salvagwardati l-imsemmi dritt fundamentali taghhom. Jirrizulta li bejn dawn iz-zewg dati kien hemm tletin rinviju mill-Avukat Generali u dan fuq firxa ta’ erba’ snin u seba’ xhur cirka. Tista’ tghid li f’dan il-perjodu ma sar assolutament l-ebda progress fil-kawza, ghaliex il-prosekuzzjoni baqghet tistenna li l-espert

forensiku jespleta l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti. Kien hemm xi sforzi ’l hawn u ’l hinn kemm mill-prosekuzzjoni u kemm ukoll mill-Qorti li bihom dan il-perit gie sollecitat biex jespleta l-inkarigu moghti lilu, izda dawn l-isforzi ma hallew ebda ezitu pozittiv. Dak li huwa verament stramb huwa li matul l-istess firxa tas-snin hadd mill-imputati jew mid-difensuri taghhom ma qatt irregistraw xi verbal li fih ipprotestaw ghal dan id-dewmien verament ingustifikat. Minn diversi verbali li rat din il-Qorti jirrizulta li l-Qorti Istruttorja kienet qeghda tinghata informazzjoni impreciza dwar l-andament tal-perizja in kwistjoni. Naturalment il-perit in kwistjoni seta’ kellu r-ragunijiet personali tieghu li jispjega d-dewmien. Bla dubju, kull min kien involut fil-kawza kien jaf li l-istess perit kien imhabbat hafna bix-xoghol forensiku u donnu kull min kien involut fil-kawza wkoll accetta s-sitwazzjoni li la darba dan il-perit ma setax jigi sostitwit facilment kif ukoll ladarba l-Qorti kienet qed tinghata informazzjoni li l-inkarigu dalwaqt kien se jigi espletat, kulhadd baqa’ jistenna din ir-relazzjoni, li qatt ma waslet u li effettivament ipparalizzat l-andament tal-process kriminali.

18. Ghall-fini ta’ l-appell odjern, l-ezami tal-process kriminali x’aktarx li kellu jieqaf sa hawnhekk, cioe` sas-16 ta’ Mejju 1998, data li fiha gie prezentat ir-rikors promotur ta’ l-appellanti. Madanakollu, din il-Qorti m’hijiex sejra taghmel hekk ghaliex il-kwistjoni tad-dewmien, li jissarraf fi ksur ta’ dritt fundamentali, tqajjem ukoll fl-appell l-iehor cioe` dak bin-numru 10/03 li, kif diga`, inghad tmexxa kontestwalment ma’ l-appell odjern. Infatti fis-sentenza li nghatat illum stess fl-appell 10/03, il-kwistjoni tan-nuqqas tas-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli thalliet biex tigi investigata fl-appell odjern ghaliex hekk kien jidher xieraq u opportun in vista li ma kienx jaghmel sens li din il-kwistjoni unika tigi spezzata f’zewg processi. Jidher li l-partijiet kontendenti kienu ta’ l-istess fehma tal-Qorti ghaliex il-listi li jissunteggjaw il-process kriminali maghmula rispettivament minnhom u jinsabu a fol. 256 sa 270 tal-process odjern u l-lista l-ohra li tinsab a fol. 275 sa 292 tal-process odjern ma jkoprux biss l-atti tal-process kriminali sa l-imsemmija data tas-16 ta’ Mejju 1998, izda invece jkomplu jindikaw id-dettalji tas-seduti sa l-20 ta’

Marzu 2003, data li fiha ippronunzjat is-sentenza taghha l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

19. Il-fazi li jmiss tal-process kriminali pendenti quddiem il-Qorti Istruttorja li trid tigi ezaminata issa hija bejn is-26 ta’ Mejju 1998 u l-15 ta’ Dicembru 1998. Fl-ewwel imsemmija data l-espert forensiku Dr. Anthony Abela Medici ipprezenta rikors (ara fol. 939 tal-process) li bih qal li huwa kien gie nominat fit-13 ta’ April 1992 biex jezamina u jirrelata dwar diversi dokumenti. Jghid li parti minn dawn id-dokumenti u cioe` timbri, fuq talba tal-Qorti kienu gew ritornati minnu fil-Qorti fit-30 ta’ April 1992 u li huwa irtirahom mill-gdid mill-Qorti fil-25 ta’ Ottubru 1994. Jghid li fis-seduta tat-2 ta’ Frar 1993 il-Qorti kienet informatu li ma kienx necessarju li jattendi ghas-seduti ulterjuri sakemm ix-xhieda kollha ma jkunux lesti mix-xiehda taghhom fuq id-dokumenti li kellu jezamina. Huwa qal li matul is-sena 1995 u s-sena 1996 huwa rcieva ’l fuq minn tmien mitt (800) kaz ghal investigazzjoni u ghalhekk ma sabx il-hin necessarju biex jespleta l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti f’dan il-kaz. Zied jghid li f’Novembru 1996 huwa nforma lill-amministrazzjoni tal-Qorti li huwa kien sejjer jirrifjuta inkarigi godda mill-Qorti sakemm ikun f’pozizzjoni li jtemm l-inkarigi li diga` kellu. Tenna jghid li huwa kien kostrett li jirrikorri ghal kura medika u sal-prezent ghadu jircievi tali kura, u infatti kellu ordni mit-tabib konsulent tieghu sabiex ma jehux parti fi kwalunkwe investigazzjoni ghall-perjodu sostanzjali peress li dan jista’ jeffettwalu hazin lil sahhtu. Ghalhekk huwa kien qieghed ihoss li ma kellux triq ohra hlief li jitlob lil dik il-Qorti sabiex tirrevoka l-inkarigi tieghu u tissostitwieh b’persuna ohra halli ma jkunx hemm aktar dewmien ta’ zmien. Ma’ l-istess rikors u l-istess perit irritorna lill-Qorti d-dokumenti kollha li kienu gew lilu konsenjati.

20. Wara li l-Qorti Istruttorja semghet lill-partijiet dwar din it-talba ta’ Dottor Abela Medici, l-istess Qorti Istruttorja tat id-digriet taghha fit-3 ta’ Lulju 1998. Bih hija ezonorat lil Dr. Anthony Abela Medici mill-inkarigu li gie moghti lilu u ssostitwitu b’Ivan Formosa li nnominatu perit forensiku f’dan il-kaz, bl-istess fakultajiet u obbligi li kellu l-istess espert precedenti (ara fol. 942). Fis-seduta mizmuma

mill-Qorti fil-25 ta' Awissu 1998 dan l-espert Ivan Formosa xehed (ara fol. 946 *et seq.*) u spjega ghaliex l-inkarigu moghti lilu ma setghax iwettqu fi zmien qasir. Spjega li kellu sbatax-il timbru u ma' kull timbru li kien ser isib fid-dokumenti, jkun irid jaghmel sbatax-il ezami komparattiv. Spjega li kien hemm hafna xoghol xi jsir izda pprometta lill-Qorti li kien ser jaghmel hiltu kollha biex dan il-kaz ma jdumx.

21. Jirrizulta minn fol. 961 li fit-18 ta' Novembru tal-1998 l-Avukat Generali iddecieda li japplika l-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali biex il-kaz ikun jista' jitmexxa u jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

22. Fis-seduta li zammet il-Qorti fil-15 ta' Dicembru 1998 l-espert forensiku Ivan Formosa ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu u rritorna lill-Qorti d-dokumenti li fuqhom ghamel l-ezamijiet forensici. Fl-istess seduta, l-imputati ddikjaraw li l-kaz taghhom kellu jigi trattat sommarjament u dak in-nhar stess il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar xi tressq.

23. Ma hemmx dubju li l-proceduri kostituzzjonali/konvenzjonali intavolati mill-imputati quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili minhabba d-dewmien fil-kaz kriminali taghhom kellu effett posittiv, ghaliex dak li l-espert precedenti ma ghamilx f'iktar minn erba' snin u nofs, l-espert sostitut, Ivan Formosa, lestieh fi zmien ftit xhur. Dan l-ahhar imsemmi xhud spjega d-diffikultajiet li kellu biex jespleta l-inkarigu moghti lilu u, kollox ma' kollox, din il-Qorti ma jidhrilhiex li nhela xi zmien zejjed f'din il-fazi tal-process.

24. Biex il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali iddecidiet il-kaz hadet cirka sentejn u xahar u nofs. Hija zammet tmintax-il seduta li pero` ghaxar (10) seduti minnhom ma gewx utilizzati, l-aktar ghaliex id-difiza kienet titlob differimenti. L-ewwel seduta nzammet fil-25 ta' Frar 1999 u s-sentenza tal-Qorti nghatat fid-9 ta' April 2001 fejn l-imputati gew liberati minn kull imputazzjoni u piena. F'din il-fazi tal-process kien hemm certu dewmien aktar izda dan ghandu

jigi attribwit lid-difiza stess, u ghalhekk, kollox ma’ kollox, meta wiehed jikkonsidra l-komplessivita` tal-kaz ta’ kif ukoll l-attitudni tad-difiza, wiehed ma jistax jghid li kien hemm xi dewmien esagerat jew irragonevoli.

25. L-ahhar fazi tal-process kriminali jirreferi ghall-perjodu bejn it-30 ta’ April 2001, meta sar l-appell mill-Avukat Generali mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, sakemm il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali iddecidiet il-kaz, cioe` fl-20 ta’ Marzu 2003. F’dan il-perjodu ta’ sena u ghaxar xhur u nofs, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali zammet tlettax-il seduta. Ghall-bidu kien hemm xi ftit tal-hela taz-zmien minhabba li kien hemm tlett astensjonijiet successivi ta’ Imhallfin, pero` dan il-hela ta’ zmien kien wiehed mhux twil izzejjed u certament kien wiehed inevitabbli. Imbaghad, il-kawza regghet qabdet ritmu u pass mghaggel u effettivament il-kawza giet deciza f’gheluq sena minn mindu l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali bdiet tisma’ t-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 2002. In vista tal-komplessita` tal-kaz, definittivament f’din il-fazi, il-process kriminali ma kien hemm l-ebda dewmien ingustifikat.

26. Is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali pronunzjata fl-20 ta’ Marzu 2003 tinsab fil-process kriminali a fol. 1314 sa fol. 1347. In succint b’dik is-sentenza, dik il-Qorti laqghet l-appell ta’ l-Avukat Generali in parte, billi rriformat is-sentenza appellata in kwantu kkonfermatha fejn sabet lil Joseph Ellul Sullivan u lil Philip Azzopardi mhux hatja ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom u lliberathom minn kull imputazzjoni u piena. Ikkonfermatha wkoll kwantu lliberat lil Andrew Ellul Sullivan u lil Carmel sive Charles Ellul Sullivan minn diversi imputazzjonijiet koperti bl-Ordinanza tad-Dwana, il-Kodici Kriminali, kif ukoll taht l-att XXI tal-1989. Izda mbaghad, irrevokat is-sentenza appellata in kwantu ma sabitx htija u lliberat lill-istess Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan mill-akkuzi li jaqghu taht l-Ordinanza tad-Dwana u taht l-Artikoli 169 u 308 tal-Kodici Kriminali u minflok sabithom hatja bhala diretturi tar-rispettivi socjetajiet taghhom taht l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Ligi. B’hekk, sabithom hatja li fl-ahhar

sentejn qabel is-6 ta' Frar 1992, xjentement ghamlu uzu minn *entries* tad-dwana b'timbru falsifikat, li ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn hames mitt lira (Lm500) ghad-dannu tal-Gvern. Andrew Ellul Sullivan, bhala direttur ta' Tessons Limited, gie misjub hati li mporta u rcieva f'Malta merkanzija ta' valur globali ta' LM440,547 bla ma hallas id-dazju u *levy* fuqha ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm432,465. Sabet ukoll lil Carmel sive Charles Ellul Sullivan, bhala direttur ta' J. Cachia Caruana Limited, hati li mporta u rcieva merkanzija f'Malta tal-valur komplessiv ta' LM272,714 bla ma fuqha kien hallas id-dazju u l-levy li komplessivament kienu jammontaw is-somma ta' LM281,317. Dik il-Qorti kkundannat lil Andrew Ellul Sullivan u lil Carmel sive Charles Ellul Sullivan ghal reati li jaqghu taht il-Kodici Kriminali u inghataw prigunerija ghal zmien sentejn, b'dana li s-sentenza ma kellhiex tibda fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza, huma jikkommettu reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. In oltre, ghar-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, Andrew Ellul Sullivan gie kkundannat ghal hlas ta' multa ta' LM1,012,247 maghmula din is-somma, kwantu ghal LM131,152 import ta' l-ammont ta' dazju dovut u kwantu ghas-somma ta' LM881,095 import tad-doppju tal-valur ta' l-oggetti. Ghall-istess reati, Carmel sive Charles Ellul Sullivan gie kkundannat ghal hlas ta' multa ta' LM616,683, liema somma hija maghmula kwantu ghal LM71,255 import ta' dazju dovut u kwantu ghal LM545,428 id-doppju tal-valur ta' l-oggetti importati. In oltre s-sentenza ddikjarat terz minn kull ammont tal-multa kellu jigi kkunsidrat bhala dejn civili u fl-ahhar nett dik il-Qorti ikkonsentiet li l-ammonti msemmija setghu jithallsu b'rati mensili u dan bil-kondizzjonijiet li jissemmew fl-istess sentenza.

27. Kif jirrizulta minn fol. 197 tal-process odjern, dan l-appell kien gie imholli *sine die* minn din il-Qorti fit-8 ta' Novembru 1999. <u>Kwazi hames snin wara</u>, ezattament fil-11 ta' Awissu 2004, sar rikors minn "Andrew Ellul Sullivan et" li bih intalab riappuntament ta' l-appell, liema talba ntlaqghet b'digriet tat-12 ta' Awissu 2004. Bir-riappuntament tal-kawza gew notifikati l-erba' appellanti izda sa fejn tista' tara l-Qorti mill-atti processwali kienu

biss Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan li baqghu juru nteress f’dana l-appell.

28. Wara li l-Qorti tat ir-retroxxena b’mod pjuttost dettaljat ta’ dana l-appell, hija sejra tghaddi biex tezamina l-aggravji li ressqu l-kontendenti. Logikament l-ewwel aggravju li ghandu jigi kkonsidrat huwa dak ta’ l-imressaq mill-intimati fl-appell incidentali taghhom. Bih huma qeghdin jillanjaw illi t-talba tar-rikorrenti kellha tigi michuda a bazi ta’ l-Artikoli 46(2) tal-Kostituzjoni u 4 ta’ l-Att XIV tal-1987 stante li r-rikorrenti naqsu li jezawrixxu r-rimedji ordinarji qabel istitwew il-proceduri odjerni, liema proceduri, r-rikorrenti ntavolawhom b’abbuz ta’ dritt u b’sorpriza. L-intimati spjegaw li r-rikorrenti qatt ma hadu passi fil-proceduri kriminali biex jitolbu li l-istess proceduri jimxu b’mod aktar spedit. Huma b’hekk taw l-impressjoni li ma kellhomx ghaggla partikolari biex il-process kriminali jigi deciz.

29. Din id-difiza l-intimati kienu qajmuha, b’mod pjuttost velat fir-risposta taghhom ghar-rikors promotur, liema risposta tinsab a fol. 9 tal-process. Hemmhekk, l-intimati qalu li r-rikorrenti riedu qabel xejn juru illi kienu uzaw il-mezzi ghad-disposizzjoni taghhom (verbali, talbiet ghal smiegh b’urgenza etc.) biex il-kawza kriminali ma titwalx u li huma ma kkontribwewx biex il-proceduri jitwalu u dan in vista ta’ l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ta’ l-Artikolu 4 ta’ l-Att XIV tal-1987. Ghalkemm l-ewwel Qorti pronunzjat ruhha dwar il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti kienux ikkontribwew jew le biex il-proceduri jitwalu, hija ma ddeklinatx li tezercita d-diskrezzjoni taghha fis-sens ta’ l-imsemmija artikoli. Wiehed jista’ jghid li l-ewwel Qorti injorat l-imsemmija eccezzjoni forsi ghaliex il-mod li bih giet ipprezentata mill-intimati kien wiehed pjuttost velat u mhux car. Kif diga` kkummentat din il-Qorti fil-korp tas-sentenza, jirrizulta mill-process kriminali li l-imputati f’dak il-process tista’ tghid naqsu li jipprotestaw minhabba d-dewmien u qatt ma jidher li hadu il-passi necessarji biex jitolbu li l-proceduri jithaffu, hlief meta pprezentaw, f’daqqa wahda, l-proceduri odjerni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ghandu jinghad, izda li kollox jindika li kien bis-sahha ta’ dawk il-proceduri li l-process kriminali, li thalla

ghal snin shah bla ebda attivita`, seta' jibda jitmexxa 'l quddiem u li jigi finalizzat b'ritmu pjuttost sodisfacjenti. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti ma tqisx li jkun desiderabbli li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-imsemmija disposizzjonjiet tal-ligi u senjatament ghaliex irrizulta sodisfacentament li l-process kriminali ha zmien inordinatament twil biex jigi konkjuz, u ta' dan il-fatt l-appellanti ghandhom dritt li jinghataw sodisfazzjoni.

30. Il-Qorti issa sejra tikkonsidra flimkien id-diversi aggravji li ressqu l-kontendenti dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti rigward il-kwistjoni jekk kienx hemm dewmien gustifikat jew le fil-process kriminali. Min-naha l-wahda l-intimati qeghdin isostnu fit-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji taghhom li l-ewwel Qorti naqset li taghti d-debita konsiderazzjoni lil certi fatturi li semmew, waqt li min-naha l-ohra r-rikorrenti appellanti qeghdin isostnu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet htija, fil-konfront taghhom, ghad-dewmien tal-proceduri. Fi kliem l-intimati stess dawn it-tlett aggravji gew spjegati hekk:
"2. Is-sentenza apellata naqset li taghti d-debita konsiderazzjoni lill-fatt illi l-kawza kienet tinvolvi diversi komplikazzjonijiet teknici konnessi mad-determinazzjoni tal-falsita` tat-timbri uzati fuq numru kbir ta' dokumenti;

3. Is-sentenza appellata naqset li taghti d-debita konsiderazzjoni lil hafna xoghol li sar u lin-numru kbir ta' xhieda li shedu fil-proceduri kriminali in dizamina u naqset li tezamina z-zmien mehud f'din il-kawza fid-dawl ta' kemm kaz ta' din l-entita` u ta' din il-komplikazzjoni huwa ragjonevoli li jdum (vide l-kazijiet ta' Andreucci vs. Italy u Arena vs italy tas-27 ta' Frar 1992 fejn il-Qorti Ewropea ma sabet ebda vjolazzjoni proprju ghal din ir-raguni);

4. Is-sentenza appellata naqset illi taghti d-debita konsiderazzjoni lin-nuqqas ta' rizorsi tal-pajjiz u lin-nuqqas ta' persuni li fiz-zmien rilevanti kienu kwalifikati biex jassumu l-inkariku ta' espert tekniku fil-materja."

Min-naha l-ohra l-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti, fi kliemhom stess huwa dan:

"Illi s-sejbien da parti ta' l-ewwel Qorti ta' htija fil-konfront ta' l-appellanti ghad-dewmien tal-proceduri kienet kompletament bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti bla bazi. L-ewwel Onorabbli Qorti sabet il-htija minhabba l-fatt li l-imputati ma kienux ilmentaw mid-dewmien li kienu qeghdin jiehdu l-proceduri quddiem il-Qrati tal-Magistrati. Apparti li bhala fatt dan m'huwiex korrett billi l-istess imputati kienu lmentaw diversi drabi minhabba d-dewmien konsiderevoli tal-proceduri tant huwa hekk li l-istess Qorti tal-Magistrati kienet f'diversi okkazjonijiet hegget lill-espert biex jikkonkludi r-rapport tieghu, pero` huwa wkoll inaccettabbli li wiehed jghid li posizzjoni ghal kollox passiva da parti ta' l-imputati setghet b'xi mod ikkontrubwiet ghad-dewmien. Kieku l-imputati setghet b'xi mod ikkontribwiet ghad-dewmien. Kieku l-imputati ghamlu proceduri li jintralcaw b'xi mod l-andament tal-kawza wiehed forsi kien jifhem tali konkluzjoni pero` l-posizzjoni ta' l-imputati kienet dejjem li xtaqu li l-proceduri jigu konkjuzi mill-iktar fis possibbli billi l-pendenza ta' l-istess kienet qed tikkawzalhom danni irreparabbli. Ghalhekk huwa evidneti li l-imputati lanqas ikkontribwew minimament bl-ebda mod ghad-dewmien ta' dawn il-procedur. Dawn il-proceduri ilhom pendenti minn Jannar 1992 u cioe` bejn tmien (8) snin u huwa evidenti biex wiehed ma jghidx stridenti li ghal dak id-dewmien l-imputati ma kellhomx l-ebda tort jew htija. Huwa wkoll sintomatiku li l-unika fattur li deher li sprona l-prosekuzzjoni sabiex taghlaq il-proceduri kien precizament ir-rikors kostituzzjonali taghhom. Dan il-fattur wahdu juri kemm huwa irreali li wiehed jghid li l-imputati ma kienux qeghdin jilmentaw mid-dewmien."

Billi dawn l-aggravji tal-kontendenti kollha kemm huma jikkoncernaw bazikament l-istess kwistjoni u cioe` dik dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti sejra titrattahom kollha flimkien.

31. Il-Qorti ta' Strasbourg tat litteralment mijiet ta' sentenzi dwar kazijiet li jikkoncernaw il-ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, ghaliex fil-verita` dan it-tip ta' kaz huwa l-iktar kaz komuni li jitressaq hemmhekk. F'din il-gurisprudenza vasta taghha, dik il-

Qorti tista’ tghid zviluppat formula li normalment tintuza minnha sabiex tittestja jekk iz-zmien involut fil-proceduri kienx wiehed ragjonevoli jew le. Hekk fil-kaz Philis v. Greece (no 2), deciz fis-27 ta’ Gunju 1997 intqal hekk:
“The Court ............ at the outset states that the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the particular circumstances of the case and having regard to the criteria laid down in case law, in particular the complexity of the case and the attitude of the applicant and of the relevant authorities. It is necessary among other things to take account of the importance what is at stake for the applicant in the litigation.”

Dak li qalet is-sentenza appellata dwar il-verifiki li jsiru mill-Qorti biex jigi stabbilit jekk kienx hemm dewmien ingustifikat huwa sostanzjalment korrett u ghalhekk ma jidher li hemm l-ebda skop li din il-Qorti tirrepetih hawn u tipprova tapprofondih.

32. L-ewwel haga li din il-Qorti trid tistabilixxi huwa jekk id-dewmien fil-proceduri kriminali jistax jigi attribwit ghal xi mgieba skoretta tad-difiza. Dwar dan l-aspett l-ewwel Qorti sabet li r-rikorrenti kellhom ukoll tort ghad-dewmien minhabba li naqsu li jinsistu aktar mal-Qorti biex hija tiehu l-passi kollha disponibbli biex l-espert forensiku jikkonkludi r-rapport fi zmien ragjonevoli. L-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti huwa dirett precizament ghal din il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Din il-Qorti tikkalkola li fil-process kriminali kien hemm dewmien ingustifikat ta’ cirka hames (5) snin li matulhom il-Qorti Istruttorja qaghdet tistenna li l-espert forensiku jespleta l-inkarigu moghti lilu. Matul dan iz-zmien kollu l-process krimnali kien, tista’ tghid, wieqaf ghal kollox. Filwaqt illi huwa veru li l-imputati setghu ipprotestaw u talbu lill-Qorti li thaffef il-proceduri, pero` huwa veru wkoll li d-difiza m’ghandha ebda obbligu li tassisti thaffif tal-proceduri li jittiehdu kontra l-imputat (ara Eckle vs. Germany maqtugh mill-Qorti ta’ Strasbourg fil-15 ta’ Lulju 1992). Jirrizulta li l-process kriminali fih diversi verbali fejn id-difiza ikkontestat diversi aspetti tal-proceduri kriminali, izda certament din il-Qorti ma jidhirliex li f’dawn il-kontestazzjonijiet li tressqu id-difiza kienet

qieghda tabbuza mid-drittijiet taghha. Il-fatt li l-appellanti baqghu passivi fuq il-kwistjoni tad-dewmien ghal hafna snin, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jfissirx illi huma ghandhom jinghataw tort li l-proceduri damu ghaliex kienet ir-responsabbilita` primarja tal-prosekuzzjoni u tal-Qorti stess li tara li l-process jimxi b'ritmu regolari u li ma jkun hemm l-ebda dewmien ingustifikat. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti huwa gustifikat izda dan ghal dak il-perjodu ta' cirka hames snin li l-Qorti Istruttorja damet tistenna lill-ewwel espert forensiku jespleta l-inkarigu moghti lilu.

33. Bir-raba' aggravju taghhom l-intimati qeghdin isostnu li s-sentenza appellata naqset li taghti d-debita konsiderazzjoni lin-nuqqas ta' rizorsi tal-pajjiz u lin-nuqqas ta' persuni li, fi zmien relevanti, kienu kwalifikati biex jassumu l-inkarigu ta' espert tekniku fil-materja. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju ghaliex kif jinghad fis-sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg tal-25 ta' Frar 1998 fil-kaz "Baggetta vs Italy":
"The Convention places the Contracting States under a duty to organise their legal systems so as to enable the courts to comply with the requirements of Article 6 para. 1 including that of trial within a reasonable time."

Il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Stephen Attard nomine v. l-Onorevoli Prim Imhallef Dr. Carmel Schembri et, deciza fid-29 ta' Ottubru 1992, kif ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti stess li nghatat fit-23 ta' Jannar 1995 fil-kawza fl-ismijiet Major Peter Manduca v. l-Onorevoli Prim Ministru. F'din l-ahhar imsemmija sentenza, din il-Qorti iddikjarat fatt li kien pjuttost ovvju u cioe` li l-branka Ezekuttiva tal-Gvern kellha r-responsabbilta` li tassigura amministrazzjoni efficjenti tal-gustizzja f'pajjizna. Fil-kaz odjern, ladarba l-espert forensiku wera bil-fatt tieghu stess li ma kienx jista' jespleta l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti fi zmien ragjonevoli, kien dover tal-prosekuzzjoni li tempestivament titlob lil Qorti li tissostitwieh b'espert iehor. Kien ukoll id-dover ta' l-istess Qorti Istruttorja li tiehu dan il-pass fuq inizjattiva taghha stess la darba l-prosekuzzjoni kienet baqghet passiva. Jirrizulta bhala fatt

ukoll li meta l-Qorti Istruttorja ghamlet is-sostituzzjoni in kwistjoni, l-espert il-gdid qeda' l-inkarigu moghti lilu, minghajr dewmien zejjed u fi zmien ragjonevoli.

34. Il-Qorti sejra tghaddi issa biex tikkummenta fuq it-tieni u t-tielet aggravju ta' l-intimati. B'dawn l-aggravji l-intimati qeghdin jallegaw li s-sentenza appellata naqset li taghti d-debita konsiderazzjoni ghal diversi kumplikazzjonijiet teknici konnessi mal-falsita` tat-timbri uzati fuq numru kbir ta' dokumenti, kif ukoll ghal hafna xoghol li sar u ghan-numru kbir ta' xhieda li tressqu fil-proceduri kriminali in dizamina. Jghidu wkoll li l-ewwel Qorti naqset li tezamina z-zmien mehud f'din il-kawza fid-dawl ta' kemm kaz ta' din l-entita` u ta' din il-komplikazzjoni huwa ragjonevoli li jdum.

35. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-aggravji huma kompletament bla bazi ghaliex l-ewwel Qorti sabet dewmien esagerat u ingustifikat biss ghall-perjodu ta' aktar minn erba' (4) snin cirka li matulu l-ewwel Qorti damet tistenna li l-espert forensiku jespleta l-inkarigu moghti lilu billi jipprezenta r-rapport tieghu. Ghal precizjoni, din il-Qorti ghandha tghid li l-ewwel perit forensiku, wara li dam cirka erba' snin u nofs li fihom ma espletax dan l-inkarigu moghti lilu, imbaghad talab li jigi sostitwit ghal ragunijiet ta' sahha bir-rikors tas-26 ta' Mejju 1998. Infatti, huwa kien gie sostitwit b'perit forensiku iehor, cioe` Ivan Formosa, li lesta l-inkarigu moghti lilu fi kwistjoni ta' ftit xhur.

36. Bhala konkluzjoni, din il-Qorti kkonstatat li meta l-process kien ghadu quddiem il-Qorti Istruttorja, fil-bidu l-proceduri tmexxew b'diligenza u efficjenza u b'ritmu mghaggel tassew ammirevoli. Wara din l-ewwel fazi, il-process beda jnaqqas fir-ritmu, sakemm spicca biex incampa ruhu, primarjament minhabba li l-espert forensiku nominat mill-Qorti Istruttorja ma espletax l-inkarigu moghti lilu u b'hekk, tista' tghid, li ma saret l-ebda attivita` pozittiva fil-process ghal cirka erba' snin u nofs. Meta dahal in sostituzzjoni t-tieni espert, dan wettaq l-inkarigu moghti lilu fi zmien ragjonevoli u wara li l-kaz beda jigi mismugh mill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha ta'

Gudikatura Kriminali, il-kaz tmexxa b'certa tempestivita`, kif ukoll tmexxa b'regolarita` meta l-process gie quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ghalhekk, *grosso modo*, din il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u cioe` li kien hemm dewmien ingustifikat li jissarraf fi ksur tad-dritt fundamentali ta' l-appellanti li jkollhom il-kaz taghhom moghti smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, b'dana pero` li din il-Qorti ma kkondividitx il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li r-rikorrenti kienu kkontribwew ghal tali dewmien.

37. L-ewwel Qorti, wara li sabet vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostizzjoni billi r-rikorrenti ma nghatawx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, ziedet tghid hekk:
"Billi issa l-kumpilazzjoni miexja u billi anke r-rikorrenti kellhom tort minhabba d-dewmien stante li ma hadux il-passi kollha biex l-espert jghalaq ir-rapport tieghu, tiddeciedi illi bis-sejba tal-ksur hemm "*just satisfaction*" ghar-rikorrenti".

It-tieni aggravju tar-rikorrenti huwa precizament immirat ghal din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ir-rikorrenti appellanti spjegaw dan l-aggravju fi kliemhom stess, hekk:
"It-tieni aggravju jikkonsisti filli l-Qorti iddikjarat li s-sejba tal-ksur hija just satisfaction ghar-rikorrenti. Huwa evidenti meta wiehed izomm quddiem ghajnejh il-fatt li bhala konsegwenza ta' dak li gara n-negozju tar-rikorrenti kwazi safa' fix-xejn li tali dikjarazzjoni mhix sufficjenti. Pero` ferm izjed importanti hija li tali konkluzjoni meta l-process kriminali ma giex konkjuz hija wahda prematura. Huwa evidenti li tali dewmien ghandu effett qawwi fuq il-provi fil-process u jpoggi lid-difiza ta' l-imputati f'diffikulta` serja meta huma jigu biex itellghu xhieda fuq fatti li graw ghaxar snin ilu. Bil-mod kif agixxiet il-prosekuzzjoni, ix-xhieda taghha xehedu kollha meta l-memorja taghhom kienet friska waqt li x-xhieda tad-difiza ha jixhdu ghaxar snin wara l-incident. L-esponent ihoss li kien ikun ahjar kif anke suggerit fin-nota ta' l-osservazzjonijiet minnu pprezentata li r-rimedju ghall-ksur jigi riservat ghal stadju ulterjuri. Ghalhekk l-esponenti jissottomettu bir-rispett li

din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kienet bir-rispett kollu skorretta."

38. Wiehed ghandu jiftakar illi dan l-aggravju tressaq fir-rikors ta' l-appell li kien gie intavolat qabel ma nghataw is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Din l-ahhar imsemmija sentenza, kif diga` inghad, sabet lil tnejn mill-appellanti, cioe` dawk li effettivament baqghu juru nteress f'dawn il-proceduri, hatjin ta' uhud mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. Fl-appell odjern Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan qeghdin jitolbu li jinghataw rimedju effettiv u sufficcjenti u cioe` wiehed li verament jindirizza u jaghti "redress" xieraq ghall-ksur ta' dritt ghal smiegh xieraq soffert minnhom. Fi kliem iehor, qeghdin jitolbu li jinghataw rimedju li jnehhi kull pregudizzju u dannu krejat lir-rikorrenti fosthom billi tithassar is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u huma jinghataw kumpens xieraq li jigi likwidat mill-Qorti.

39. Min-naha l-ohra, l-intimati appellati kkontestaw dan l-aggravju billi rritenew li jekk din il-Qorti issib li kien hemm dewmien li ma kienx wiehed ragjonevoli, tali dikjarazzjoni fiha nnifisha, tikkostitwixxi *just satisfaction*, kif sostniet l-ewwel Qorti. L-istess intimati sostnew li dewmien fi smiegh ta' kawza ma jgibx in-nullita` tas-sentenza moghtija f'dik il-Qorti u jista' jwassal biss ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq minhabba dewmien u/jew ghal kumpens talli l-individwu jkun thalla ghal zmien twil fi stat ta' incertezza. L-intimati sostnew li ma hemm l-ebda bazi legali jew logika biex id-dewmien fi smiegh ta' kawza, fih innifsu jivvizzja s-sentenza fuq il-meritu ta' dik il-kawza. Fl-ahharnett l-intimati sostnew illi jekk din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti kumpens huma kellhom jirrilevaw li fl-andament ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti zammew ghandhom somom ingenti li kienu jappartjenu lill-erarju pubbliku. Sostnew li dawn l-ammonti ghadhom f'idejn ir-rikorrenti sal-lum, minkejja s-sentenza finali tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

40. Process gudizzjarju, aktar u aktar process kriminali, ghandu jitmexxa fi zmien ragjonevoli mhux biss ghaliex

gustizzja dewwimija tista' tippregudika l-effikacja u l-kredibilta` ta' l-amministrazzjoni tal-Gustizzja, izda wkoll ghaliex dan huwa necessarju sabiex l-akkuzat ikun skansat milli jghix parti minn hajtu taht l-ansjeta` u t-tensjoni derivanti mill-incertezza dwar l-ezitu ta' l-istess process u tal-piena relattiva li tkun tista' tigi inflitta fuqu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'dan il-kaz, semplici dikjarazzjoni li r-rikorrenti ma nghatawx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jikkostitwixxix rimedju effettiv u effikaci u lanqas *just satisfaction* ghall-appellanti. F'dan is-sens din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha a propozitu l-ewwel Qorti.

41. Lanqas tista' taqbel ma' l-appellanti li l-vjolazzjoni ta' l-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni jistghu jissarfu fit-thassir tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Dan ghaliex jirrizulta sodisfacentement lil din il-Qorti li s-sejbien ta' htija ma kien bl-ebda mod effettwat mid-dewmien irragjonevoli li din il-Qorti kkonstatat li sofra l-process kriminali meta kien quddiem il-Qorti Istruttorja. Specifikatament ma jirrizultax sodisfacentment lil din il-Qorti li minhabba l-imsemmi dewmien, id-difiza tilfet xi drittijiet fosthom dawk li jemanaw minn xi provi li setghu jiskolpaw lill-appellanti. Id-difiza kienet taf, jew messha kienet taf, li f'dan il-process kriminali l-oneru tal-prova tal-pagament tad-dazju kien sejjer jghaddi eventwalment fuq l-istess difiza jekk din tallega li d-dazju kien thallas. Kien kompitu ta' l-appellanti li jzommu dawk il-kotba kollha tan-negozju li l-ligi tirrikjedi u li kieku dawn inzammu regolarment kienu jiffacilitaw hafna li jghamlu l-prova relattiva. Ghandu jigi rilevat ukoll illi l-ligi stess taghti lill-imputat id-dritt mhux biss li jaghmel il-kontro ezamijiet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni waqt il-kumpilazzjoni, izda taghtih ukoll id-dritt li huwa jressaq il-provi tieghu anke fl-istadju, tal-kumpilazzjoni, ezattament wara li jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni u l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali. Infatti l-Artikolu 405(5) tal-Kodici Kriminali <u>jaghti lill-imputat il-fakolta`</u> li jitlob lill-Avukat Generali biex jirrinvijja l-atti lill-Qorti Istruttorja sabiex din

tezamina mill-gdid xhieda li kienu diga` nstemghu jew jigu ezaminati xhieda godda. Dan is-sub-artikolu jaqra hekk:
"405(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jghoddu wkoll meta l-imputat ikun irid jisma' jew jerga' jisma' xi xhieda. F'dan il-kaz, it-talba ghandha tigi ikkomunikata lill-Avukat Generali illi, mhux aktar tard mill-jum ta' wara, ghandu jibghat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni. Imbaghad il-qorti ghandha tordna li l-Kummissarju tal-Pulizija jigi nnotifikat bil-gurnata li fiha ghandhom jinstemghu x-xhieda, sabiex hu jew ufficjal iehor tal-Pulizija jkun jista', jekk irid, jidher u jaghmel kontro-ezami lix-xhieda."

Fid-dawl ta' dak li ntqal f'dan il-paragrafu, certament ma hemm l-ebda bazi logika jew legali li s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell tithassar.

42. L-uniku rimedju li gustament jista' jinghata fil-kaz odjern sabiex jipprovdi mizura ta' solljev ghall-ansjeta` u l-qtiegh il-qalb u l-incertezza li neccessarjament sofrew l-appellanti minhabba d-dewmien ingustifikat fil-process kriminali li jissemma' qabel f'din is-sentenza, huwa li r-rikorrenti appellanti, u aktar u aktar dawk fosthom li nstabu hatja bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jinghataw kumpens finanzjarju adegwat.

43. Hawnhekk, din il-Qorti jidhrilha opportun u gust li tiddistingwi bejn l-erba' rikorrenti. Joseph Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, li gew liberati minn kull imputazzjoni u piena, kemm mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u kemm ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sa fejn tista' tara din il-Qorti ma baqghux interessati fl-odjerni proceduri waqt li dawn kienu pendenti quddiem din il-Qorti. Dan ma jistax ma jfissirx li l-ansjeta` ta' l-incertezza li sofrew bid-dewmien tal-process kriminali fuq imsemmi, x'aktarx giet imtaffija jekk mhux ukoll imfejqa, bil-liberazzjoni taghhom minn kull imputazzjoni u piena. Ghalhekk, *arbitrio boni fini* din il-Qorti jidhrilha li kumpens nominali ta' elfejn Euro (€2,000) lil kull wiehed minn dawn iz-zewg rikorrenti, ghandu jipprovdi, fic-cirkostanzi, rimedju ekwu u effettiv.

44. Kwantu ghar-rikorrenti l-ohra, cioe` Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan, dawn verament kienu assidwi hafna fl-interess taghhom fir-rigward ta’ l-odjerni proceduri. Dan m’hemmx dubju li sehh ghaliex is-sentenza finali tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali infliggiet fuqhom il-multi tassew ingenti li ssemmew aktar qabel, liema multi ghandu jinghad li gew inflitti ai termini tal-ligi kif kienet in vigore dak in-nhar li nghatat l-imsemmija sentenza. In parentisi jigi rilevat li huwa fatt pjuttost ironiku li dawn il-multi kienu jkunu ferm u ferm icken li kieku l-process kriminali safa’ ritardat, b’mod li s-sentenza finali kellha tintlaqat bl-emenda maghmula ghall-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, liema emenda giet introdotta bl-Att numru XIII tal-2005. Dwar dan il-fatt, din il-Qorti ghandha tosserva li s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet kompletament konformi mal-ligi vigenti dak iz-zmien dwar il-piena li applikat – ghalkemm, bis-*senno del poi*, dik il-piena llum tidher pjuttost ingusta. F’dawn ic-cirkostanzi, xejn ma jzomm lir-rikorrenti appellanti milli jadixxu lill-Awtorita` Kompetenti ai termini ta’ l-Artikolu 75 tal-Kap. 37, jekk jidhrilhom li dan huwa opportun.

45. Wara li din il-Qorti hasbet hafna biex tistabilixxi ghal dawn l-ahhar imsemmija rikorrenti dak ir-rimedju effettiv u adegwat li jkun jista’ jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi tad-dewmien irragonevoli li ghaddew minnu fil-proceduri kriminali in kwistjoni, din il-Qorti ddecidiet li jkun gust u ekwu li, oltre s-somma ta’ elfejn Euro kull wiehed, kif inghata lir-rikorrenti appellanti l-ohra, ikun akkordat lilhom kumpens addizzjonali, liema kumpens ma hux sejjer jigi likwidat f’somma determinata, izda minflok din il-Qorti sejra tordna li jkun hemm il-kompensazzjoni infraskritta. Kif diga` ntqal, is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, imponiet fuq iz-zewg appellanti Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan, multi tassew ingenti, li nonostante li ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta’ dik is-sentenza, baqghu ma thallsux lill-erarju pubbliku mill-istess appellanti, sija pure li dan sar skond l-awtorizzazzjoni li taghthom din il-Qorti. Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li, bis-sahha ta’ dawn il-proceduri, li twalu mhux hazin minhabba l-komplessita`

taghhom, l-istess appellanti gew aggevolati hafna, ghaliex huma baqghu jzommu ghandhom dawn is-somom ingenti li suppost thallsu lill-erarju pubbliku skond ma jinghad fl-istess sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ghalhekk, id-dewmien ta' cirka hames snin li kkawza skumdita`, ansjeta` u incertezza ghall-appellanti quddiem il-Qorti Istruttorja, ikun gust li jigi kkompensat bil-fatt li ghal hames snin shah, l-istess appellanti rnexxielhom, bis-sahha ta' dawn il-proceduri, jirritardjaw il-pagament ta' dak dovut skond l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Oltre dan, din il-Qorti sejra tordna li ma jkunu dovuti ebda interessi lill-Gvern jew imghaxijiet fuq il-multi inflitti u senjatament fuq dik il-parti li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dikjarat bhala dejn civili.

46. L-ahhar aggravju ta' l-appellanti huwa dwar il-kap ta' l-ispejjez li parti minnhom gew akkollati lilhom fis-sentenza appellata. Din il-Qorti sejra tilqa' dana l-aggravju ghaliex kif intqal qabel, din il-Qorti ma sabitx li l-appellanti kienu ikkontribwew ghad-dewmien riskontrat fil-process kriminali waqt li dan kien qieghed jigi processat mill-Qorti Istruttorja.

47. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell incidentali ta' l-intimati u tilqa' in parte l-appell principali tar-rikorrenti appellanti u ghalhekk:
(1) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din iddikjarat li fil-konfront tar-rikorrenti kollha nkisru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzjoni ta' Malta billi r-rikorrenti ma nghatawx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fil-process kriminali riferit fir-rikors promotur;

(2) tirrevokaha fejn iddecidiet li anke r-rikorrenti kellhom tort ghad-dewmien, stante li ma hadux il-passi kollha biex l-espert jaghlaq ir-rapport;

(3) tirrevokaha fejn iddecidiet li bis-sejbien tal-ksur imsemmi kien hemm *just satisfaction* ghar-rikorrenti, u fejn ikkundannat li l-ispejjez jithallsu bla taxxa bejn il-kontendenti;

(4) minflok, din il-Qorti tordna li l-intimati appellati, l-Avukat Generali tar-Repubbblika u l-Kummissarju tal-Pulizija, solidament bejniethom ihallsu lill-erba’ rikorrenti appellanti kumpens ghad-dewmien irragonevoli imsemmi ta’ elfejn Euro (€2,000) lil kull wiehed minnhom;

(5) oltre dan il-kumpens finanzjarju, kwantu ghall-appellanti Andrew Ellul Sullivan u Carmel sive Charles Ellul Sullivan, fis-sens fuq spjegat, u bhala kumpens addizzjonali ghall-istess dewmien, din il-Qorti tordna riferribbilment ghad-dispozittiv tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ta’ l-20 ta’ Marzu 2003, li ma jiddekorru ebda imghaxijiet mid-data ta’ dik is-sentenza sal-lum, fuq il-multi inflitti f’dik is-sentenza u senjatament fuq l-ammont li f’dik is-sentenza gie dikjarat bhala dejn civili dovut lill-Gvern; tordna wkoll li l-koncessjoni maghmula lill-appellanti biex ihallsu l-ammont imsemmi fl-istess sentenza fi zmien sitta u tletin (36) xahar, f’rati mensili pagabbli fl-20 ta’ kull xahar, ghandhom jibdew jiddekorru b’effett mill-20 ta’ Lulju 2008 u bl-istess kondizzjonijiet l-ohra li jissemmew fl-imsemmi disposittiv ta’ l-istess sentenza.

Fl-ahharnett tordna li l-ispejjez kollha ta’ l-odjerna procedura jibqghu a karigu ta’ l-intimati appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------